# WINSTON ZAMMIT (1950-2017)

## Għeluq is-sena mill-mewt tiegħu

MALCOLM SCHEMBRI



Winston Lawrence Zammit twieled Tas-Sliema fl-14 ta' Settembru 1950 u miet fit-18 ta' Novembru, 2017. Kien għalliem, studjuż tal-Istorja u riċerkatur. Hu rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola ta' San Ġużepp Tas-Sliema (1955-1959) u fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara (1959-1966). Fl-1967 ġie aċċettat bħala student fil-Junior College tal-Università ta' Malta u f'Ottubru 1965, ġie aċċettat bħala student fil-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta, minn fejn iggradwa b'BA (Hons.) fl-1971 u M.A. fl-Istorja fl-1975.

F'Ottubru 1971, Zammit beda jgħallem fl-iskejjel Statali bħala part time visiting master. Wara kors ta' sena (P.G.C.E) fil-Kulleġġ Malti tal-Edukazzjoni (1974/1975), f'April 1976 kien ġie maħtur *teacher* II fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. F'Ottubru 1996 inħatar *subject co-ordinator* fl-Istorja fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Għallem l-Istorja u l-Istudji Soċjali f'diversi skejjel Statali, l-aktar fil-Liċeo tas-Subien il-Ħamrun. Fl-aħħar tal-karriera tiegħu laħaq assistent kap tal-Liċeo tal-Ħamrun. Għal xi snin huwa kien jgħallem fl-iskola Sekondarja Tal-Ħandaq, Ħal Qormi – il-Liċeo Vassalli, fejn kont nattendi jien bħala student, għalkemm meta kont hemm, ma lħaqtux. Kien edukatur maħbub mill-istudenti tiegħu u dejjem kellu dik il-kelma ta' kuraġġ għal kulħadd.

Winston iddedika l-parti kbira tal-ħin tiegħu għar-riċerka fl-Arkivji. Bħala riżultat ta' din ir-riċerka, Zammit, irnexxielu jippubblika għadd ta' kotba li xi wħud minnhom kitibhom ma' xi kittieba oħra. L-istudju tiegħu kien fi Triq San Ġwann il-Battista Tas-Sliema. Minn jaf kemm minn dan l-istudju, qara u kiteb diversi kitbiet. Fil-fatt, Winston ħallielna madwar għoxrin ktieb dwar l-istorja. Fost dawn il-kotba, insibu tlieta minnhom li huma fuq l-istorja ta' Tas-Sliema.

Dawn huma kif ġej: "Tas-Sliema fl-Imgħoddi" (1981), "Tas-Sliema fis-Seklu XIX (1800)" u "Tas-Sliema (1901 – 1950)." Kiteb ukoll "Impenn għan-Nazzjon – Il-Politiċi f'Birkirkara" (?), l-istorja tas-soċjetà filarmonika Sliema flimkien ma' Patri Raniero Zammit OFMCap f'għeluq is-70 sena ta' storja b'risq il-kultura u l-mużika 1923-1993 (1993), l-istorja tal-għaqda mużikali Santa Elena Birkirkara fl-okkażjoni tad-90 sena mit-twaqqif tagħha (2009) u l-istorja tal-Każin San Pawl u l-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat Malta (2017), liema xogħol kellu jkun ippubblikat din is-sena. Kiteb ukoll żewġ kotba dwar Birkirkara: "B'Kara fis-Seklu XIX" u "B'Kara 1900-1945," u tliet kotba b'rabta mal-perjodu tal-Imblokk, "Fir-Rabat ta' Malta (1798-1800)," "Fl-Imdina (1798-1800)" u "Il-Mexxejja Maltin fil-Kungress Malti (1799-1800)." Però jista' jkun hemm kotba oħrajn li mhux imsemmija hawn.

Ippubblika wkoll numru ta' *papers* b'rabta mal-istorja tal-Gvern Lokali f'Malta mill-aħħar snin tal-Kavallieri sal-lum. Kiteb ukoll mijiet t'artikli li dehru f'gazzetti u f'pubblikazzjonijiet lokali kif ukoll fil-kotba tal-festi fosthom ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, Corpus tar-Rabat u f'tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena Birkirkara. Lili kitibli fil-pubblikazzjoni "Storja u Kultura Ħaż-Żabbar" li jien l-editur tagħha fl-2011.

Dwar din il-kitba nsemmi aneddotu li bqajt niftakar. Peress li hu qatt ma kellu indirizz elettroniku, il-kitba li kiteb bil-*biro*, kien bagħathieli bil-posta u sintendi wara li ttajpjajtha, erġajt bgħatthielu biex jiċċekkjaha u ovvjament żbalji tal-ittajpjar kien sabli fiha mhux ħażin. U mill-ġdid reġa' bagħathieli bil-posta kkoreġuta. Nibqa' ngħożż dawn il-karti fejn fuqhom kien kitibli dawn il-korrezzjonijiet.

Kien kittieb regulari tad-"Dawl Franġiskan" u kien jikteb diversi artikli dwar l-istorja tal-Kapuċċini. Għal Winston il-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana, kien it-tieni dar tiegħu. Fit-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor, kien jikteb b'mod regulari fil-"Heritage." Għall-kontribut fejjiedi tiegħu, Winston ġie mogħti l-premju Ġieħ Tas-Sliema 2017 mill-Kunsill Lokali. Ikun xieraq li l-kitbiet tiegħu li huma mxerrdin, ikunu miġburin.

Winston ħa sehem anki fi programmi b'rabta mal-istorja ta' Malta, fuq stazzjonijiet lokali tat-televixin u tar-radju fosthom fil-programm "Wirtna" fuq Radju Malta u anki kien jagħti sehem attiv fir-Radju Pawlin tar-Rabat Malta. Winston Zammit għamel ukoll bosta xogħol volontarju. Fil-fatt mill-1983 kien jagħti l-għajnuna tiegħu lill-Uffiċċju tal-Missjoni fil-kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana. B'rabta ma' dan ix-xogħol, kien jikkordina l-proġett tal-Missjoni fil-Liċeo tas-Subien, il-Ħamrun. Winston ħadem ħafna fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema fejn kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Sliema (1972-1973), kien segretarju tal-Fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor (1986-2012), kif ukoll segretarju tal-Kummissjoni Festi tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor (1993-2002). Fl-2002, kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Kumitat li jorganizza l-Maratona tar-roti fil-Boys Junior Lyceum fil-Ħamrun, biex jinġabru l-fondi għall-karità.

Peress li ma kienx isuq, kull fejn imur, kien juża tal-linja. Kont narah għaddej bil-bagalja miexi b'pass mgħaġġel u jerħilha lejn il-Kunvent tal-patrijiet Kapuċċini l-Furjana. Dam jagħmel hekk għal 33 sena u kien jieħu ħsieb l-Arkivju u l-Biblijoteka tal-Provinċja u l-Uffiċċju tal-Missjoni. Kien metikoluż f'xogħlu u niftakru joqgħod jispjegali l-informazzjoni kif jiġborha. Saħansitra kien urieni sensiela ta' kaxxi, fejn fihom kien ipoġġi l-informazzjoni għar-riċerkaturi.

Il-quddiesa tal-funeral saret it-Tnejn, 20 ta' Novembru 2017, fil-knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor. Kien hemm knisja mballata bin-nies li ġew minn kull sfera biex jagħtuh l-aħħar tislima. Winston miet fl-għomor ta' 67 sena u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Mhux l-età li tgħodd, imma kif tkun għext ħajtek u jkolli ngħid, li ħajtu kienet mimlija mhux biss bir-riċerka, imma anki kien Nisrani ta' veru u f'ħajtu għen lill-proxxmu mill-aħjar li seta'. Warajh ħalla tifkiriet sbieħ u aħna fid-dmir li nibqgħu nkomplu mexjin fit-triq tiegħu. Bħalma jiġri dejjem, il-mewt tiegħu, ma ngħatatx biżżejjed prominenza fil-midja – imma l-prominenza jagħtihielu Alla, flimkien mal-apprezzament għal dak li wettaq fis-snin li għex fuq din l-art.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu, grazzi ta' kollox.

*Referenzi:*

– Fr Philip Cutajar OFMCap, "Apprezzament Winston ħalliena," Dawl Franġiskan, Jannar 2018, p. 5.

– Sergio Grech, "Il-Mewt ta' Ġentlom," **In-Nazzjon** tal-Ħamis, 18 ta' Jannar 2018, p.17.

– Tagħrif meħud minn Wikipedia https://mt.wikipedia.org/wiki/Winston_Zammit aċċessat fis-16-07-2018.